MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 958/2008

**Joseph Saliba, Lawrence Saliba, Francis Saliba, Paul Saliba u Carmelo Saliba**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' l-atturi ppreżentat fil-25 ta' Settembru, 2008 li permezz tiegħu esponew bir-rispett:

1. Illi l-esponenti huma hut l-mejjet Emanuele Saliba li twieled nhar is-16 ta' Awissu 1921 (Dok. A) u miet nar l-1 ta' Mejju 1996 (Dok. B);

2. Illi fl-Att tat-Twelid u fl-Att tal-Mewt rispettivament, ta' l-imsemmi Emanuele Saliba hemm

indikat erronjament illi missieru kien jismu Francesco Saliba.

3. Illi fil-vertia' isem missier l-esponenti u huhom il-mejjet Emanuele Saliba kien jismu Giovanni u mhux Francesco u dana kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid tiegħu (Dok. C) fejn jindika illi dan kien twieled fil-Belt Victoria Għawdex nhar it-23 ta' Lulju 1880.

4. Illi *inoltre*, jirriżulta miċ-ċertifikat tal-magħmudija ta' l-imsemmi Emanuele Saliba (Dok. D) maħruġ mill-Parroċċa ta' Santa Venera li missier Emanuele Saliba kien jismu John *ossia* Giovanni Saliba.

5. Illi saħansitra jeżistu żbalji fl-Att taż-Żwieġ ta' Giovanni Saliba meta dan iżżewweġ lil omm l-esponenti Giuseppa Attard nhar it-2 ta' Lulju 1908 (Dok. E) fejn hemm indikat erronjament li isem ir-raġel kien 'Francis known as John Saliba' u dan minkejja illi kemm l-Att tat-Twelid tiegħu u kemm iċ-ċertifikat tal-magħmudija tiegħu maħruġ mill-Parroċċa ta' Santa Venera jindikaw l-kuntrarju.

6. Illi saħansitra l-Att tat-Twelid ta' l-esponent Joseph Saliba (Dok. F) ukoll jindika b'mod ċar li missier l-esponenti kien jismu Giovanni Saliba.

7. Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza ta' l-esponenti.

8. Illi r-raġuni li għaliha saret din il-kawża hija prinċiparjament sabiex tiġi esegwita korrezzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru tal-iskrizzjoni erbat elef, tmien mija u erba u sittin tas-sena elf, disa' mija u wieħed u għoxrin (4864/1921) u ta' l-Att tal-Mewt bin-numru tal-iskrizzjoni, elf, mija u sebgħa u sebgħin tas-sena elf, disa' mija u sitta u disgħin (1177/1996) rispettivament, tal-mejjet Emanuele Saliba, fis-sens illi missier l-imsemmi Emanuele Saliba jkun indikat Giovanni Saliba flok Francesco Saliba.

Għaldaqstant l-esponent, in vista ta' dak kollu fuq premess, jitlob li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Fl-ewwel lok tiddikjara li missier Emanuele Saliba li twieled nhar is-16 ta’ Awissu 1921 skond l-Att tat-Twelid tiegħu bin-numru ta’ l-iskrizzjoni erbat elef, tmien mija u erbgħa u sittin tas-sena elf, disa’ mija u wieħed u għoxrin (4864/1921) u li miet nhar l-1 ta’ Mejju 1996 skond l-Att tal-Mewt tiegħu bin-numru ta’ l-iskrizzjoni, elf, mija u sebgħa u sebgħin tas-sena elf, disa’ mija u sitta u disgħin (1177/1996), kien jismu Giovanni Saliba.

2. Tordna l-korrezzjoni relattiva fl-Att tat-Twelid ta’ Emanuele Saliba bin-numru ta’ l-iskrizzjoni erbat elef, tmien mija u erbgħa u sittin tas-sena elf, disa’ mija u wieħed u għoxrin (4864/1921), billi taħt il-kolonna *“isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier”*, l-isem *“Francesco”* jkun imħassar u sostitwit bl-isem *“Giovanni”*.

3. Tordna l-korrezzjoni relattiva fl-Att tal-Mewt ta’ Emanuele Saliba bin-numru ta’ l-iskrizzjoni elf, mija u sebgħa u sebgħin tas-sena elf, disa’ mija u sitta u disgħin (1177/1996) billi taħt il-kolonna *“isem u kunjom il-ġenituri jekk ħajjin jew mejtin”*, l-isem *“Francesco”* jkun imħassar u sostitwit bl-isem *“Giovanni”*.

Rat ir-risposta tal-konvenut ppreżentata fit-3 ta’ Dicembru 2008 fejn qal bil-qima:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors ġuramentat u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, għal ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti, pero’ jirrileva li jirriżulta mill-Att tat-Twelid ta’ Emmanuele Saliba li jġib in-numru progressiv ta’ iskrizzjoni 4864 tas-sena 1921 li d-dikjarant kien missier ir-rikorrent li ddikjara ruħu u anke ffirma bħala Francesco Saliba.

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva illi fi kwalunkwe każ l-azzjoni odjerna mhix attribwibbli għal xi nuqqas ta’ l-esponent li m’għandux ibati l-ispejjeż ta’ l-istanti *stante* li d-dikjarant fuq l-Atti ta’ l-Istat Ċivili huwa obbligat li

jivverifika li l-informazzjoni fuq l-Att li ddikjara u ffirma għaliha hija korretta.

3. Illi minghajr preġudizzju wkoll, jeħtieġ li r-rikorrenti jispeċifikaw fit-talbiet dedotti fir-rikors ġuramentat in-numru progressiv ta' iskrizzjoni ta' l-Atti ta' l-Istat Ċivili kollha li huma qed jitlobu li jiġu korretti, jekk dan hu l-każ, u dan *ai termini* ta' l-Artikolu 253(3) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gażżetta tal-Gvern *ai termini* ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Tant għandu l-esponent x'jeċċepixxi għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat l-affidavits ta' l-atturi;

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-10 ta' Diċembru 2008 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din hija azzjoni *ai termini* ta' l-artiklu 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li tagħti dritt ta' azzjoni biex jiġi korrett xi att ta' l-istat ċivili ta' persuna.

Jirriżulta li t-talbiet attriċi huma ġustifikati billi sar żball pero' mhux imputabbli lill-konvenut illi allura m'għandux jeħel spejjeż.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi;**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------